MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 1947/1997/1

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**vs**

**Peter Montebello**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-korporazzjoni attrici fit-12 ta' Settembru, 1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mija u sbatax-il lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm117.38) dovuti lill-korporazzjoni attrici mill-konvenut ghal tiswija ta' diversi kanen tas-servizz ta' l-ilma fi Triq Gdida bla isem fi Triq San Gwakkin, Mriehel, li kienu gew danneggjati minnu waqt xogholijiet li huwa kien qieghed jaghmel fl-imsemmija triq.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 1995, u ta' l-ittra legali tas-17 ta' Ottubru, 1995 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Il-vertenza bejn il-partijiet qedgha fuq ir-responsabbilita' ghall-hsara illi saret fil-kanen ta' l-ilma proprjeta' tal-korporazzjoni attrici fi Triq Gdida bla isem fi Triq San Gwakkin, Imriehel. Filwaqt li l-korporazzjoni attrici qeda timputa lill-konvenut b'din il-hsara, dan ta' l-ahhar qieghed jirrifjuta tali responsabbilita'.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut gie moghti kuntratt sabiex iwettaq xogholijiet ta' *trenching* u formazzjoni ta' toroq tramite permess mahrug fit-23 ta' Frar, 1994 [fol. 89], dana wara li d-Dipartiment tat-Toroq kien accetta l-offerta tal-konvenut ghat-twettieq tax-xogholijiet [fol. 33].

Il-*letter of acceptance* bid-data tas-6 ta' Awissu, 1993 qedgha ndirizzata lill-konvenut personalment. Il-konvenut beda' x-xogholijiet illi suppost kellhom jigu terminati fit-30 ta' April, 1994 [fol. 89]. L-assikurazzjoni illi hareg il-konvenut ikopru d-dati 28 ta' Frar, 1994 sat-30 ta' April, 1994 [fol. 91].

Fil-kors ta' dawn ix-xogholijiet jidher illi saru rapporti minn terzi ta' ilma hiereg fit-triq. Emanuel Borg, bhala l-*foreman* tad-distrett ta' Birkirkara, mar fuq il-post u sab dan l-ilma hiereg fi Triq Gdida fi Triq San Gwakkin, l-Imriehel, fejn kienu qeghdin isiru xi xogholijiet. Ra illi kien hemm kanen imtajjrin, staqsa lill-haddiema x'gara u rriferewh lil Peter Montebello. A fol. 56 Borg ikompli jghid li, "Waqt lix-xoghol intlaqghtu xi pajpijiet jew *connections* ta' l-ilma lejn id-djar u fabbriki illi hemm fl-Imriehel." Spjega illi din ma kinitx l-ewwel darba illi Montebello ghamel hsara fuq l-istess kanna. Ma kienx gie avzat illi Montebello kien qieghed jahdem f'dawk l-inhawi u l-hsarat kienu estizi fuq diversi granet.

Il-Qorti tista' tikkonferma dan peress illi mid-dokumenti a fol. 17 sa' 22 illi huma *requisitions for stores and spares*, jidhru d-dati mit-12 ta' Marzu, 1994 sa l-4 ta' Mejju, 1994. Minn hawn jidher car li l-konvenut baqa' jahdem oltre t-terminu lilu stipulat u l-Qorti allura tifhem illi d-Direttur tax-Xogholijiet hassu kostrett jittermina l-kuntratt li kellu mal-konvenut stante li kien qed jiehu fit-tul [ara xhieda George Bonello fol. 33].

Minn naha tieghu l-konvenut a fol. 37, filwaqt illi jammetti li kien qed jaghmel ix-xogholijiet imsemmija u spjega x-xogholijiet x'kienu jikkonsistu, ma qal xejn dwar x'mizuri ha biex jassigura illi ma ssirx hsara. Irrizulta wkoll illi minkejja li fil-kondizzjonijiet tal-permess hemm indikat li l-konvenut kellu jaghti tlett ijiem *notice* lill-korporazzjoni attrici qabel ma beda x-xogholijiet [fol. 90], ma rrizultax li dan in-*notice* inghata.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti hija sodisfatta li x-xogholijiet kienu qed isiru mill-konvenut jew mill-haddiema tieghu. Il-hsarat saru fuq medda ta' granet bejn it-12 ta' Marzu, 1994 u l-4 ta' Mejju, 1994, f'terminu illi zgur qed jahdem fih il-konvenut stante li l-kuntratt tieghu gie terminat fit-3 ta' Mejju, 1994. Barra minn hekk ma rrizultax illi l-konvenut ta avviz lill-korporazzjoni attrici qabel ma beda x-xogholijiet skond it-termini tal-permess

lilu mahrug [fol. 90]. Lanqas ma rrizulta x'mizuri seta' ha l-konvenut sabiex jassigura li ma jaghmilx danni ghall-proprjeta' tal-korporazzjoni attrici.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija sodisfatta illi fit-twettieq ta' l-appalt moghti lilu, l-konvenut ma hax dawk il-mizuri necessarji sabiex jassigura illi ma jaghmilx dannu lill-proprjeta' ta' hadiehor. Mhux talli hekk, talli wera' traskuragni grassa meta fuq medda ta' granet, minkejja li kien jaf illi fl-inhawi kien hemm kanen tal-korporazzjoni attrici, xorta baqa' ghaddej bix-xogholijiet u wettaq il-hsarat lill-korporazzjoni. Mhux hekk biss, talli ma ottemprax ruhu mat-termini tal-permess lilu moghti, billi javza lill-korporazzjoni minn tlett ijiem qabel ma jibda x-xogholijiet. Ghalhekk, il-korporazzjoni kienet infaccata bil-hsarat minghajr ma kienet taf kif gew kawzati u minn min. Kien biss li wara x'investigazzjoni minn naha tal-korporazzjoni illi l-konvenut gie identifikat u l-hsarat msewwija. Dana pero' ma jnehhix ir-responsabbilita minn fuq spallejn il-konvenut billi kien kompitu tieghu illi jassigura illi kellu l-permessi kollha f'idejh.

Fil-kawza Anthony Ventura noe vs Raymond Galea Et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Lulju, 1996, il-Qorti qalet li kemm is-sid kif ukoll il-haddiema kienu responsabbli li jottjenu l-permessi relattivi u jiehdu l-mizuri kollha biex jassiguraw li ma jsirx hsara waqt skavar. L-istess fil-kawza AIC Herbert Debono vs Mario Ellul et deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta' Ottubru, 1989 fejn iddikjarat kuntrattur responsabbli jekk ma jesegwix ix-xoghol bid-diligenza u l-kura. F'dan il-kaz il-Qorti ssib illi l-konvenut wera' nuqqas ta' responsabbilita' kbira meta baqa' ghaddejn bix-xogholijiet minkejja illi kien jaf illi kienet qed tigi kkawzata hsara u l-Qorti hawnhekk tikkondividi lhsieb ta' Emanuel Borg, *district foreman* ta' Birkirkara, fejn a fol 56 jghid illi huwa osserva element ta' traskuragni qawwi wisq minn naha tal-konveut biex baqa' jaghnel il-hsara wahda wara l-ohra meta kien jaf li kien hemm il-kanen vicin il-post fejn kien qed jahdem [fol. 58].

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-korporazzjoni attrici gabet provi bizzejjed ghas-success ta' l-istanza taghha u m'ghandha l-ebda esitazzjoni illi tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsarat subiti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-korporazzjoni attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' mija u sbatax-il lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm117.38), dovuti minnu ghat-tiswija ta' diversi kanen tas-servizzi ta' l-ilma fi Triq Gdida bla isem fi Triq San Gwakkin, l-Imriehel illi gew danneggjati mill-konvenut waqt xogholijiet li kien qed jaghmel fl-istess triq u dan b'rizultat ta' negligenza u traskuragni da parti ta' l-istess konvenut.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------